Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9532 — Glendower Capital/Investindustrial/HTG/Rotor)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 320/04)

1. Fl-10 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Glendower Capital Secondary Opportunities Fund IV, LP ("Glendower Capital", Ir-Renju Unit);

— International Emergency Services, S.à r.l. ("IES", il-Lussemburgu), proprjetà tal-Investindustrial Group;

— Health Transportation Group S.L. ("HTG", Spanja); kif ukoll

— Rotor Componentes Tecnológicos, S.L ("Rotor", Spanja).

Glendower Capital u IES jakkwistaw il-kontroll konġunt ta' HTG fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Bħala parti mill-istess konċentrazzjoni, Glendower Capital takkwista l-kontroll ta' Rotor wkoll fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Glendower Capital: li tiffoka fuq assi sekondarji ta' ekwità privata fuq bażi globali, b'investimenti f'kumpaniji attivi fi swieq bħal dawk oftalmoloġiċi, kliniki privati, distribuzzjoni tal-inbid u l-ispirti u l-manifattura tat-trakkijiet;

— għal IES: kumpanija ta' investiment ġestita b'mod indipendenti, li fl-aħħar mill-aħħar tagħmel parti mill-Investindustrial Group, li min-naħa tagħha tiffoka fuq l-investimenti f'kumpaniji ta' daqs medju fin-Nofsinhar tal-Ewropa;

— għal HTG: kumpanija ddedikata għat-trasport mediku fuq l-art bl-attivitajiet prinċipali tagħha fi Spanja, għalkemm tipprovdi wkoll xi servizzi fir-Renju Unit, l-aktar għas-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali tar-Renju Unit;

— għal Rotor: kumpanija ddedikata għall-manifattura, it-tfassil u l-kummerċjalizzazzjoni ta' komponenti tar-roti, attiva b'mod partikolari fil-produzzjoni ta' komponenti tar-roti, speċifikament ktajjen, arloġġi tal-enerġija u krankijiet; kif ukoll il-bejgħ ta' komponenti u aċċessorji tar-roti. Rotor hija prinċipalment preżenti fi Spanja, iżda wkoll (għalkemm għalissa b'mod limitat) fl-Użbekistan, fl-Istati Uniti tal-Amerika u fin-Netherlands.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [2] jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9532 — Glendower Capital/Investindustrial/HTG/Rotor

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
[2] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË